Vettura li fuqha jkunu installati pannelli fotovoltajċi approvati u li għaliha tinħareġ għotja taħt din l-iskema għandha tibqa' reġistrata f'isem l-applikant għal perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni. Jekk sid reġistrat ta' vettura li fuqha tkun ingħatat għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi l-imsemmija vettura għal kwalunkwe raġuni lil terza persuna, minbarra trasferiment causa mortis lil xi werriet, huwa jkun obbligat jirrifondi l-għotja riċevuta lill-Awtorità.

**8. Tul ta' żmien tal-iskema**

Din l-iskema għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023, sakemm ma tkunx modifikata jew mitmuma qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Dawn l-għotjiet għandhom jitqiesu mitmuma meta l-baġit allokat rispettiv jintlaħaq. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm l-iskema fi kwalunkwe ħin permezz ta'avviż minn qabel.

L-iskema tista' tiġġedded kif meħtieġ mill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

**9. Emendi għall-iskema**

Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali jista' jagħmel kull emenda għal din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

**10. Talbiet b'qerq**

Fejn tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, il-Ministru responsabbli għat-Trasport jirriżerva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. Dan japplika wkoll għal impriżi u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika, speċjalment fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Għajnuna mill-Istat. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

Il-21 ta' Marzu, 2023

A vehicle on which approved photovoltaic panels are installed and on which a grant is issued under this scheme shall remain registered in the applicant's name for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration. If a registered owner of a vehicle on which a grant has been granted under this scheme transfers the said vehicle for any reason to a third party, other than a transfer causa mortis to an heir, he shall be obliged to refund the grant received to the Authority.

**8. Duration of scheme**

This scheme shall remain in force until the 31st December 2023, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. These grants shall be considered as terminated when the allocated budget is exhausted. Notwithstanding, Government may terminate the scheme at any time by giving prior notice.

The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects by a Notice in the Government Gazette.

**9. Amendments to the scheme**

The Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects may make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

**10. Fraudulent claims**

Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the Minister responsible for Transport reserves the right to recover funds paid in error. This also applies to undertakings and voluntary organisations that carry out economic activity, especially with respect to State Aid regulations. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

21st March, 2023

**Nru. 367**

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

**Skema biex Tippromwovi t-Tagħmir ta' Filtri tal-Partikuli tad-Diesel (DPF) u Sistemi ta' Tnaqqis Katalitiku Selettiv (SCR) fuq Vetturi Heavy-Duty b'Magni Diesel**

IL-MINISTERU għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, qed iniedu skema ta' għotjiet biex jinċentivaw lis-sidien

**No. 367**

**MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS**

**Scheme to Promote the Retrofitting of Diesel Particulate Filter (DPF) Devices and Selective Catalytic Reduction (SCR) Systems on Heavy-Duty vehicles with Diesel Engines**

THE Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects in conjunction with the Authority for Transport in Malta, is launching a grant scheme to incentivise heavy-duty

ta’ vetturi heavy-duty biex inaqqsu l-emissjonijiet ta’ PM u tal-$NO_x$ mill-vetturi bil-mutur tagħhom permezz tat-tagħmir ta’ filtri tal-partikuli tad-diesel (DPF) u Sistemi ta’ Tnaqqis Katalitiku Selettiv (SCR). Din hija miżura oħra tal-baġit favur l-ambjent immirata biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet mit-traffiku fit-toroq.

vehicle owners to reduce PM and $NO_x$ emissions from their motor vehicles through the retrofitting of Diesel Particulate Filter (DPF) devices and Selective Catalytic Reduction (SCR) Systems. This is another environment-friendly budget measure aimed at further reducing emissions from road traffic.

Suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f’dan id-dokument, se titħallas għotja ta’ għaxart elef ewro (€10,000) lis-sidien reġistrati ta’ vetturi bil-mutur heavy-duty li jiġu mgħammrin b’apparat tad-DPF u sistema tal-SCR li tirriżulta fi tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta’ PM u tal-$NO_x$.

Subject to the conditions stipulated in this document, a grant of ten thousand Euro (€10,000) will be paid to the registered owners of heavy-duty motor vehicles which are retrofitted with a DPF device and an SCR system resulting in a substantial reduction of PM and $NO_x$ emissions.

L-iskema tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2023 u tagħlaq fil-31 ta’ Diċembru 2023, jew sakemm il-baġit allokat ta’ mitt elf ewro (€100,000) jiġi eżawrit.

The scheme comes into effect on the 1st of January 2023 and closes on the 31st of December 2023, or until the allocated budget of one hundred thousand Euro (€100,000) is exhausted.

L-għotjiet f’din l-iskema għandhom jiġu assenjati fuq bażi ta’ min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

The grants in this scheme shall be assigned on a first-come-first-served basis.

**L-ISKEMA**

**THE SCHEME**

**1. Interpretazzjoni**

**1. Interpretation**

Għall-finijiet tal-iskema, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

For the purposes of the scheme, unless the context otherwise requires:

‘apparat tad-DPF’ tfisser apparat li jaqbad fiżikament l-emissjonijiet tal-partikuli permezz ta’ taħlita ta’ mekkaniżmi ta’ filtrazzjoni, bħal depożitu ta’ diffużjoni, depożizzjoni inerzjali, jew interċettazzjoni tal-linja tal-fluss. Il-partikuli miġbura jitneħħew mill-filtru, kontinwament jew perjodikament, permezz ta’ riġenerazzjoni termali;

‘DPF device’ means a device that physically captures particle emissions through a combination of filtration mechanisms, such as diffusional deposition, inertial deposition, or flow-line interception. Collected particulates are removed from the filter, continuously or periodically, through thermal regeneration;

‘applikant’ tfisser l-impriża li tapplika għall-għotja taħt din l-iskema li, minbarra li hija stabbilita f’Malta, għandha l-vettura rreġistrata f’isimha;

‘applicant’ means the undertaking applying for the grant under this scheme which, apart from being established in Malta, has the vehicle registered in its name;

‘applikazzjoni’ tfisser l-applikazzjoni magħmula għal għotja taħt din l-iskema;

‘application’ means the application made for a grant under this scheme;

‘ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura’ tfisser iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura maħruġ minn Transport Malta skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur (Kap 368), li jipprovdi prova tar-reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur u li f’isimha tkun irreġistrata l-vettura;

‘vehicle registration certificate’ means the vehicle registration certificate issued by Transport Malta in accordance with the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (CAP 368), providing proof of registration of the motor vehicle and in whose name the vehicle is registered.

‘ċertifikat tat-tagħmir’ tfisser iċ-ċertifikat maħruġ minn persuna kompetenti wara l-installazzjoni ta’ apparat DPF u sistema SCR fuq vettura bil-mutur heavy-duty;

‘certificate of retrofitting’ means the certificate issued by a competent person after the carrying out of the retrofitting of a DPF device and an SCR system on a heavy-duty motor vehicle;

‘DPF’ tfisser filtru tal-partikuli tad-diesel;

‘DPF’ means diesel particulate filter;

‘emissjonijiet tal-NOx’ tfisser emissjonijiet ta’ ossidi tan-nitroġenu;

‘NOx emissions’ means emissions of nitrogen oxides;

'emissjonijiet ta' PM' tfisser emissjonijiet ta' partikuli;

'għotja' tfisser l-għotja li qed tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4;

'impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

'impriża stabbilita f'Malta' tfisser entità kummerċjali stabbilita f'Malta, inkluż persuna li taħdem għal rasha skont il-Liġi Nazzjonali, fundazzjoni jew soċjetà kooperattiva;

'impriża waħda' tinkludi, għall-finijiet ta' din l-iskema, l-intrapriżi kollha li għandhom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom:

a) impriża waħda għandha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'impriża oħra;

b) impriża waħda għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;

c) impriża waħda għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt li jkun sar ma' dik l-impriża jew għal dispożizzjoni fil-memorandum jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

d) impriża waħda, li hija azzjonista jew membru ta' impriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra jew membri ta' dik l-impriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

Intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq permezz ta' impriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu wkoll bħala impriża waħda.

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'persuna kompetenti' tfisser il-persuna li hija approvata biex tinstalla apparati tad-DPF u sistemi tal-SCR mill-manifatturi tal-istess apparati u sistemi.

'prodotti agrikoli' tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22).

'prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser il-prodotti definiti fl-Artikolu 5(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013;

'PM emissions' means emissions of particles;

'grant' means the grant being given under this scheme to an applicant who satisfies the requirements of section 4;

'undertakings in the fishery and aquaculture sector' means undertakings active in the production, processing and marketing of fishery and aquaculture products;

'undertaking established in Malta' means a commercial entity established in Malta, including a self-employed person in accordance with National Law, a foundation or a cooperative society;

'Single undertaking' includes, for the purposes of this scheme, all enterprises having at least one of the following relationships with each other:

a) one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

b) one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

c) one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered with that enterprise or to a provision in its memorandum or articles of association;

d) one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (a) to (d) above through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking.

'Malta' means the islands of Malta;

'competent person' means the person who is approved to install DPF devices and SCR systems by the manufacturers of the same devices and systems.

'agricultural products' means products listed in Annex I to the Treaty, with the exception of fishery and aquaculture products covered by Council Regulation (EC) No 104/2000 of 17 December 1999 on the common organisation of the markets in fishery and aquaculture products (OJ L 17, 21.1.2000, p. 22);

'fishery and aquaculture products' means the products defined in Article 5 (a) and (b) of Regulation (EU) No 1379/2013;

'SCR' tfisser tnaqqis katalitiku selettiv;

'sid reġistrat' tfisser il-persuna li f'isimha tkun irreġistrata vettura bil-mutur minn Transport Malta;

'Sistema tal-SCR' tfisser sistema li tnaqqas il-livell ta' ossidu tan-nitroġenu fil-gass tal-egżost mill-magna permezz ta' elementi ta' katalizzatur u aġent li jnaqqas. Fil-proċess, aġent li jnaqqas soluzzjoni ta' ilma tal-urea huwa miżjud mal-fluss tal-gass tal-egżost. L-ilma fis-soluzzjoni tal-urea jiġi evaporat hekk kif is-soluzzjoni tiġi injettata fil-gass tal-egżost sħun. It-temperatura għolja tinduċi wkoll dekompożizzjoni termali tal-urea ($(NH_2)_2CO$) f'ammonja ($NH_3$) u dijossidu tal-karbonju ($CO_2$). L-emissjonijiet tal-$NO_x$ tal-gass tal-egżost huma mbagħad mibdula f'nitroġenu molekulari ($N_2$) u ilma ($H_2O$), hekk kif jirreaġixxu mal-ammonja f'wiċċ katalitiku;

'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499);

'vettura bil-mutur heavy-duty' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, vettura bil-mutur imħaddma b'magna diesel u li għandha massa massima permissibbli li taqbeż it-tlett elef u ħames mitt kilogrammi (3,500kg);

**2. Għal min tapplika l-Iskema**

L-iskema tapplika għal impriża stabbilita f'Malta, li twettaq attività ekonomika fit-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE. L-assistenza se tingħata f'konformità ma' wieħed mir-Regolamenti de minimis li ġejjin (kif aktar dettaljat fit-Taqsima 5 hawn taħt):

(a) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352/9, 24.12.2013), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/316 tal-21 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 51 I/1, 22.2.2019);

(b) Għal impriżi li huma attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190/45, 28.6.2014), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti

'SCR' means selective catalytic reduction;

'registered owner' means the person in whose name a motor vehicle is registered by Transport Malta;

'SCR system' means a system that reduces the level of nitrogen oxide in the exhaust gas from the engine by means of catalyst elements and a reducing agent. In the process a reducing agent of a urea water solution is added to the exhaust gas stream. The water in the urea solution is evaporated as the solution is injected into the hot exhaust gas. The high temperature also induces thermal decomposition of the urea ($(NH_2)_2CO$) into ammonia ($NH_3$) and carbon dioxide ($CO_2$). Exhaust gas $NO_x$ emissions are thereafter transformed into molecular nitrogen ($N_2$) and water ($H_2O$), as they react with the ammonia at a catalytic surface;

'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499);

'heavy-duty motor vehicle' means, for the purpose of this grant, a motor vehicle which is powered by a compression-ignition (diesel) engine and which has a maximum permissible mass exceeding three thousand five hundred kilograms (3,500kg);

**2. Area of applicability**

The scheme applies an undertaking established in Malta that carries out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU. Assistance will be provided in line with one of the following de minimis Regulations (as further detailed in Section 5 below):

(a) For undertakings that are active in the primary production of agricultural products: Commission Regulation (EU) No. 1408/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 352/9, 24.12.2013), as amended by Commission Regulation (EU) 2019/316 of 21 February 2019 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ 51 I/1, 22.2.2019);

(b) For undertakings that are active in the fishery and aquaculture sector: Commission Regulation (EU) No. 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190/45, 28.6.2014), as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414/15, 9.12.2020)

rilevanti oħra (ĠU L 414/15, 9.12.2020) u kif emendat aktar mir-Regolamanet tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326/8, 21.12.2022);

(c) Għal impriżi li huma attivi fis-setturi l-oħra kollha: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis (ĠU L 352/1, 24.12.2013), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti (ĠU L 215/3, 7.7.2020).

L-applikant irid ikun is-sid reġistrat ta' vettura heavy-duty li:

(a) tkun irreġistrata ma' u lliċenzjata minn, Transport Malta f'isem l-applikant fid-data tat-tagħmir u fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja;

(b) tkun ġiet mgħammra b'apparat tad-DPF u sistema tal-SCR approvata minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(c) tkun ġiet mgħammra b'apparat tad-DPF u sistema tal-SCR minn persuna kompetenti; u

(d) kellha l-emissjonijiet tal-NOx mill-pajp tal-egżost tagħha mnaqqsa sostanzjalment bħala riżultat tat-tagħmir tal-apparat tad-DPF u s-sistema tal-SCR.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati

(i) L-applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir mis-sid reġistrat wara li jkun sar it-tagħmir tal-vettura bil-mutur b'apparat tad-DPF u sistema tal-SCR minn persuna kompetenti. Il-formola tal-applikazzjoni VEH 052 – li tista' titniżżel mis-sit elettroniku ta' Transport Malta jew tinġabar mill-uffiċċji ta' Transport Malta Raħal Ġdid, jew Ħal Lija, jew Għawdex - għandha tintuża għal dan il-għan.

(ii) L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ffirmati u ttimbrati mill-persuna kompetenti u għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti u l-ħlas li ġejjin:

(a) kopji taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip għall-apparat tad-DPF u s-sistema tal-SCR li ġew installati, maħruġin minn Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'isem il-manifatturi tal-apparat tad-DPF u s-sistema tal-SCR;

and as further amended by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326/8, 21.12.2022);

(c) For undertakings that are active in all other sectors: Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (OJ L 352/1, 24.12.2013), as amended by Commission Regulation (EU) 2020/972 of 2 July 2020, amending Regulation (EU) No 1407/2013 as regards it prolongation and amending Regulation (EU) No 651/2014 as regards its prolongation and relevant adjustments (OJ L 215/3, 7.7.2020).

The applicant must be the registered owner of a heavy-duty vehicle which:

(a) is registered with and licensed by, Transport Malta in the name of the applicant on the date of retrofitting and on the date of submission of application for the grant;

(b) has been retrofitted with a DPF device and an SCR system approved by a type-approval authority of any European Union Member State;

(c) has been retrofitted with a DPF device and an SCR system by a competent person; and

(d) had its NOx tailpipe emissions substantially reduced as a result of the retrofitting of the DPF device and the SCR system.

3. Manner of application and supporting documents

(i) An application for a grant under this scheme shall be made by the registered owner following the retrofitting of the motor vehicle with a DPF device and an SCR system by a competent person. Application form VEH 052 – which may be downloaded from the website of Transport Malta or collected from Transport Malta's offices in Paola, or Ħal Lija, or Gozo - shall be used for this purpose.

(ii) Applications shall be signed and stamped by the competent person and shall be accompanied by the following documents and payment:

(a) copies of the type approval certificates for the installed DPF device and SCR system issued by a Type-Approval Authority of any European Union Member State on behalf of the manufacturers of the DPF device and the SCR system;

(b) Kopja tal-istruzzjonijiet tal-installazzjoni ppubblikati mill-manifatturi tal-apparat tad-DPF u s-sistema tal-SCR;

(c) dikjarazzjonijiet mill-manifatturi rispettivi tad-DPF u s-sistema tal-SCR li jirrikonoxxu lil persuna li jkun għammar il-vettura bħala persuna kompetenti;

(d) kopja taċ-ċertifikat tat-tagħmir maħruġ mill-persuna kompetenti;

(e) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni oriġinali tal-vettura (logbook);

(f) riżultat tat-test tal-emissjonijiet tal-vettura maħruġ qabel l-installazzjoni tal-apparat tad-DPF u s-sistema tal-SCR (test tal-emissjonijiet ta' qabel l-installazzjoni);

(g) riżultat tat-test tal-emissjonijiet tal-vettura maħruġ wara l-installazzjoni tal-apparat tad-DPF u s-sistema tal-SCR (test tal-emissjonijiet ta' wara l-installazzjoni);

(h) ħlas amministrattiv ta' għaxar ewro (€10), pagabbli lil Transport Malta, għall-ħruġ mill-ġdid taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

(iii) L-applikazzjonijiet jiġu aċċettati biss jekk il-valur tal-emissjonijiet tal-NOx fit-test tal-emissjonijiet ta' wara l-installazzjoni jkun ferm aktar baxx mill-valur tal-emissjonijiet tal-NOx fit-test tal-emissjonijiet ta' qabel l-installazzjoni;

(iv) L-applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet tax-xogħol bejn is-7.30 a.m. u s-1.00 p.m.jew mibgħuta bil-posta lid-Dipartiment dwar il-Liċenzjar ta' Sewwieqa u Vetturi (DVLU) ta' Transport Malta fuq:

a) L-ewwel Livell, A3 Towers, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid PLA1212;

b) Malta Transport Centre, Triq il-Pantar, Ħal Lija LJA2021; jew

c) Transport Malta, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex.

**4. Eliġibilità**

(i) Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jikkonforma mat-Taqsima 2.

(ii) Biex tikkwalifika, il-vettura bil-mutur:

(a) għandha tkun irreġistrata f'isem l-applikant fid-data tal-installar u d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja;

(b) A copy of the installation instructions published by the manufacturers of the DPF device and the SCR system;

(c) declarations by the respective manufacturers of the DPF and SCR System recognising the person who retrofitted the vehicle as a competent person;

(d) a copy of the certificate of retrofitting issued by the competent person;

(e) the original vehicle's registration certificate (logbook);

(f) a VRT emissions test result issued before the retrofitting of the DPF device and the SCR system (pre-installation emissions test);

(g) a VRT emissions test result issued after the retrofitting of the DPF device and the SCR system (post-installation emissions test);

(h) an administrative fee of ten Euro (€10), payable to Transport Malta, for the issue of a new vehicle registration certificate.

(iii) Applications will be accepted only if the NOx emission value in the post-installation emissions test is markedly lower than the NOx emission value in the pre-installation emissions test;

(iv) Applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during working days between 7.30 a.m. and 1.00 p.m. or mailed to Transport Malta's Driver and Vehicle Licensing Unit (DVLU) at:

a) Level 1, A3 Towers, Arcade Street, Paola PLA1212;

b) Malta Transport Centre, Pantar Road, Ħal Lija LJA2021; or

c) Transport Malta, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

**4. Eligibility**

(i) To be eligible, an applicant shall conform with Section 2.

(ii) To qualify, the motor vehicle:

(a) shall be registered in the applicant's name on the date of retrofitting and date of submission of application for the grant;

(b) għandha tkun vettura bil-mutur heavy-duty;

(c) għandha tiġi mgħammra b'apparat tad-DPF u sistema tal-SCR minn persuna kompetenti;

(d) għandha jkollha stiker tas-sigurtà approvata minn Transport Malta mwaħħla fuq in-naħa tax-xellug tal-windscreen tal-vettura biex tikkonferma li l-vettura kienet installata b'apparat tad-DPF u sistema tal-SCR. L-istiker tas-sigurtà għandha tiġi pprovduta mill-persuna kompetenti.

(iii) Transport Malta tirriżerva d-dritt li tispezzjona vetturi wara t-tagħmir tal-apparat tad-DPF u s-sistema tal-SCR u qabel l-approvazzjoni tal-għotja relatata. Din l-ispezzjoni għandha tiffoka fuq is-sigurtà tal-installazzjoni u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà ġenerali u l-funzjoni tal-vettura kkonċernata.

(iv) Applikant ikun intitolat għal massimu ta' żewġ (2) għotjiet taħt din l-iskema, b'għotja massima aggregata ta' għoxrin elf ewro (€20,000).

**5. Ħlas tal-għotja**

Meta applikant jikkwalifika għall-għotja, l-għotja għandha titħallas direttament lill-applikant. L-għotja mogħtija m'għandhiex tiġi valutata bħala dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul.

Il-ħlas għandu jsir biss jekk l-għajnuna totali de minimis mogħtija lil xi impriża waħda ma taqbiżx il-limiti stabbiliti fir-Regolament De Minimis applikabbli kif deskritt fit-Taqsima 2 hawn fuq.

Skont l-attività tal-applikant, il-limiti de minimis huma kif ġej:

(a) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil xi impriża waħda m'għandux ikun iktar minn €20,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali;

(b) Għal impriżi li huma attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil xi impriża waħda m'għandux ikun iktar minn €30,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali;

(c) Għal impriżi li huma attivi fis-setturi l-oħra kollha, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil xi impriża waħda m'għandux ikun iktar minn €200,000 (jew €100,000 fil-każ ta' xi impriża waħda li twettaq ġarr tal-merkanzija bit-triq b'kiri jew bi ħlas) fuq kwalunkwe perijodu ta' tliet snin fiskali.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna mill-Istat kollha mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kull

(b) shall be a heavy-duty motor vehicle;

(c) shall be retrofitted with a DPF device and an SCR system by a competent person;

(d) shall have a security sticker approved by Transport Malta affixed on the left-hand side of the vehicle's windscreen to confirm that the vehicle was installed with a DPF device and an SCR system. The security sticker shall be provided by the competent person.

(iii) Transport Malta reserves the right to inspect vehicles following the retrofitting of the DPF device and the SCR system and prior to the approval of the related grant. Such inspection shall focus on the safety of the installation and its impact on the overall safety and function of the concerned vehicle.

(iv) An applicant shall be entitled for up to two (2) grants under this scheme, with a maximum aggregate grant of twenty thousand Euro (€20,000).

**5. Payment of Grant**

Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be paid directly to the applicant. The grant given shall not be assessed as income for income tax purposes.

Payment shall be affected only if the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking does not exceed the thresholds established in the applicable De Minimis Regulation as outlined in Section 2 above.

Depending on the applicant's activity, the de minimis thresholds are as follows:

a) For undertakings active in the primary production of agricultural products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €20,000 over any period of three fiscal years;

b) For undertakings active in the fishery and aquaculture sector, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €30,000 over any period of three fiscal years;

c) For all other undertakings, the total amount of de minimis aid shall not exceed €200,000 per single undertaking (or €100,000 in the case of single undertakings performing road freight transport for hire or reward) over any period of three fiscal years.

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid

miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-regola de minimis inkluż dik li tirċievi minn kwalunkwe entità għajr Transport Malta fuq perjodu ta' tliet snin fiskali. Kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta li taqbeż il-limitu applikabbli stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

L-applikanti kollha għandhom jimlew u jissottomettu, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni, formola ta' dikjarazzjoni de minimis iffirmata li tindika kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta matul is-sena fiskali kurrenti u s-sentejn fiskali preċedenti.

**6. Validità tal-applikazzjoni**

Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma tkunx mimlija b'mod sħiħ u tkun akkumpanjata mid-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timtelax b'mod korrett u d-dokumenti rilevanti ma jkunux inklużi, it-talba għall-għotja m'għandhiex tiġi pproċessata sakemm tiġi pprovduta l-informazzjoni nieqsa. L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli ta' kwalunkwe telf ta' għotjiet jew opportunitajiet li jirriżultaw mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta.

**7. Rifużjoni tal-għotja jekk it-tagħmir jitneħħa jew jiġi diżattivat**

Applikant li jirċievi għotja taħt din l-iskema jkun obbligat li jirrifondi dik l-għotja lill-Awtorità jekk f'perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-approvazzjoni tal-għotja:

(a) is-sid ta' vettura li fuqha jkunu ġew installati apparat tad-DPF u sistema tal-SCR jagħmel talba lil Transport Malta biex jitneħħa l-apparat tad-DPF u/jew is-sistema tal-SCR; jew

(b) ikun ippruvat li l-apparat jew is-sistema jew tneħħew, jew ġew imbagħbsa, jew ġew iddiżattivati b'xi mod, jew ma jkunux qed jintużaw kif suppost; jew

(c) l-istiker tas-sigurtà tkun tneħħiet.

**8. Tul tal-iskema**

Din l-iskema għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023, sakemm ma tiġix modifikata jew mitmuma minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. L-għotjiet taħt din l-iskema għandhom ikunu limitati għal għaxar (10) applikazzjonijiet. Dawn l-għotjiet għandhom jitqiesu bħala mitmuma meta jintuża l-baġit allokat. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm l-iskema fi kwalunkwe ħin billi jagħti avviż minn qabel.

L-iskema tista' tiġġedded kif jitqies meħtieġ mill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

measure granted under the de minimis rule including that received from any entity other than Transport Malta over a period of three fiscal years. Any de minimis aid received in excess of the established applicable threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

All applicants are to fill in and submit, together with the application form, a signed de minimis declaration form indicating any de minimis aid received during the current fiscal year and the previous two fiscal years.

**6. Validity of application**

An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed until the missing information is provided. The Authority shall not be held responsible for any loss of grants or opportunities resulting from the submission of an incomplete or incorrect application.

**7. Refund of grant if the retrofitting is removed or disabled**

An applicant that receives a grant under this scheme shall be obliged to refund such grant to the Authority if within a period of at least thirty-six (36) months from the date of the grant's approval:

a) the owner of a vehicle on which a DPF device and an SCR system had been retrofitted makes a request to Transport Malta to have the DPF device and/or the SCR system removed; or

b) it is proven that the device or the system was either removed, tampered with or disabled in any way, or was not being used appropriately; or

c) the security sticker has been removed.

**8. Duration of scheme**

This scheme shall remain in force until the 31st December 2023, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. The grants under this scheme shall be capped to ten (10) applications. These grants shall be considered as terminated when the allocated budget has been exhausted. Notwithstanding, Government may terminate the scheme at any time by giving prior notice.

The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects by a Notice in the Government Gazette.

**9. Emendi għall-iskema**

Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali għandu d-dritt li jagħmel xi emendi għal din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

**10. Talbiet b'qerq**

Fejn tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, il-Ministru responsabbli għat-Trasport jirriżerva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. Dan japplika wkoll għal impriżi u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika, speċjalment fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Għajnuna mill-Istat. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

Il-21 ta' Marzu, 2023

**Nru. 368**

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

**Skema biex Tippromwovi t-Tagħmir ta' Sistemi ta' Propulsjoni Elettrika tal-Batteriji Approvati fuq Vetturi bil-Mutur**

IL-MINISTERU għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, qed iniedu skema ta' għotjiet biex jinċentivaw lis-sidien ta' vetturi li jaħdmu bil-petrol jew bid-diesel biex jeliminaw l-emissjonijiet tal-pajp tal-egżost tal-vetturi bil-mutur tagħhom permezz tat-tagħmir ta' sistemi ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji. Din hija miżura oħra tal-baġit favur l-ambjent immirata biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet mit-traffiku fit-toroq.

Suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan id-dokument għandu jinħareġ ammont ta' għotja ugwali għal 80% tal-ispejjeż tal-investiment meħtieġa għat-tagħmir ta' sistemi ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji, li iżda ma teċċedix il-limiti stipulati fil-klawsola 4.4 ta' dan id-dokument, lis-sidien reġistrati.

L-iskema tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023 u tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2023, jew sakemm il-baġit allokat ta' ħamsin elf Ewro (€50,000) jiġi eżawrit.

L-għotjiet f'din l-iskema għandhom jiġu assenjati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

**L-ISKEMA**

**1. Interpretazzjoni**

Għall-finijiet tal-iskema, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

**9. Amendments to the scheme**

The Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects has the right to make amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

**10. Fraudulent claims**

Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the Minister responsible for Transport reserves the right to recover funds paid in error. This also applies to undertakings and voluntary organisations that carry out economic activity, especially with respect to State Aid regulations. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

21st March, 2023

**No. 368**

**MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS**

**Scheme to Promote the Retrofitting of Approved Battery Electric Powertrains on Motor Vehicles**

THE Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects in conjunction with the Authority for Transport in Malta, is launching a grant scheme to incentivise owners of diesel or petrol motor vehicles to eliminate tailpipe emissions from their motor vehicles through the retrofitting of battery electric powertrains. This is another environment-friendly budget measure aimed at further reducing emissions from road traffic.

Subject to the conditions stipulated in this document a grant amount equal to 80% of the investment costs required for the retrofitting of battery electric powertrains, but not exceeding the limits stipulated in clause 4.4 of this document, shall be issued to the registered owners.

The scheme comes into effect on the 1st of January 2023 and closes on the 31st of December 2023, or until the allocated budget of fifty thousand Euro (€50,000) is exhausted.

The grants in this scheme shall be assigned on a first-come-first-served basis.

**THE SCHEME**

**1. Interpretation**

For the purposes of the scheme, unless the context otherwise requires: